KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, ĦAL LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 42 – It-Tlieta 19 ta' Jannar 2016 fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Marc Sant | MinorityLeader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.05p.m. b'introduzzjoni mis-Sindku. Hija introduċiet is-Sur Etienne Borg tal-Weebee. Is-Sur Borg spjega li l-website ta' Ħal Lija nbdiet iktar minn sentejn ilu hija lesta, kull ma jonqos huma r-ritratti. Huwa qal li għandu l-informazzjoni kollha neċessarja. Huwa qal li l-webpage importanti li tkun linked ma' facebook page u ma tkunx *closed group*. Il-website għandha tinkludi l-Clubs kollha ta' Ħal Lija. Is-Sur Borg ikkonferma li għandna bżonn tletin ritratt meħudin landscape High Resolution li jinkludu ritratti għal kull Kunsillier u s-Sindku, kif ukoll *is-sites* importanti tar-raħal. Il-Kunsill iddeċieda li ma joħroġx il-website qabel ma jkollna kollox lest. Għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand is-Sur Ray Attard ta' Ħal Lija.

*Tentative date* li l-website titla 'on line' hija għal nofs jew it-tielet ġimgħa ta' Frar.

1.2 Is-Sindku staqsiet x'inhuma il-*costings* għal din il-Website fid-dawl tar-rikjesti kollha. Huwa qal li kien għadu kif bagħat lill-uffiċċju l-*proposal* li kien diġa miftiehem ftit tas-snin ilu u l-prezz kien ta' €900 li jinkludi VAT u hemm *yearly fee* ta' €120 biex il-website tiġi attivata. Is-Sur Borg ser jibgħat *user name* u *password* biex inkunu nistgħu naċċessjaw il-website. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Borg talli ġie u tana spjegazzjoni xi jrid isir fuq il-website ta' Ħal Lija.

1.3 Wara li s-Sur Borg telaq mill-kamra tal-Kunsill, is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi korrezzjonijiet tal-minuti nr 41.

1.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar kellha żewġ korrezzjonijiet fuq it-3.6 u 3.14. Fuq 3.14 saret il-korrezzjoni meħtieġa.

1.5 Il-Minority Leader Dr.Marc Sant kellu korrezzjoni fuq 5.1. Din ittieħdet nota tagħha biex tiġi ikkoreġuta.

1.6 Peress li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet, fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat minn Dr. Marc Sant minuti nr.41 tas-17 ta' Diċembru 2015 ġew approvati unanimament.

## 2. ARISING

2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq nr 3.2 tal-Minuti fejn intbagħtet request lit-TM biex isiru *yellow lines* faċċata tas-sala tal-Mirakli. Hija qed tissuġerixxi li għandna ukoll napplikaw biex issir 'bus shelter' peress li kull ma hemm huwa 'Bus Stop'

2.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 3.12 fejn qed tgħid li l-Gwardjani Lokali żgur għadhom ma marrux fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela għax il-karozzi żdiedu u mhux naqsu. Is-Segretarju nfurmat li min qed jieħu ħsieb il-LESA kull darba li l-Kunsill bagħat ir-requests dawn ġew milqugħin. Ir-requests biex jiġu sorveljati ħdejn il-clubs fi Triq il-Forn ser tittieħed azzjoni il-ġimgħa d-dieħla u mill-ġimgħa d-dieħla ukoll ser jerġgħu jibdew ir-ronda minn Mosta Road għal ġo Triq Preziosi. Fuq din it-triq għandu jerġa' jiġi iċċekkjat għaliex għadhom ma sarux il-bollards li kellhom isiru mit-TM.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fur nr 5.6 fuq xogħolijiet ta' WSC fi Triq Pantar. Hija qalet li din kellha tkun lesta u tinfetaħ f'Diċembru 2015. Hija kompliet tgħid li l-patching li sar mhux tajjeb xejn. Is-Segretarju nfurmat li x-xogħolijet għadhom għaddejjin u rridu nagħtu ftit ċans ieħor biex naraw ser jiġri f'din it-triq.

2.4 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkellmet fuq ir-*reserved* ta' l-isqaq ta' ħdejha sqaq nru.3 Triq il-Forn li għandha titneħħa u ssir parking space. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dakinhar filgħodu il-Koptasin komplew bix-xogħolijiet fir-raħal imma peress li dawn ġew biex jaħdmu alla rieda ma setgħux jagħmlu x-xogħolijiet kollha minħabba xi karozzi pparkjati.

2.5 Is-Sinjorina Cutajar staqsiet fuq id-*double yellow lines* li kellhom isiru mill-Kappella tal-Kunċizzjoni l-isfel. Is-Segretarju nfurmat li dawk il-*lines* ġew approvati mit-TM u l-ħaddiema bdew jaħdmu fuqhom llum id-19 ta' Jannar 2016 imma peress li ġew tal-Koptasin, il-ħaddiema kellhom jieqfu. Huma laħqu għamlu line wieħed u mhux komplut.

2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-mirja li twaħħlu nnotat li huma iżgħar milli jintużaw is-soltu. Huma xorta waħda jagħmlu x-xogħol tagħhom imma l-Kunsilliera riedu ikunu ċerti li peress li dawn huma iżgħar, huma irħas.

## 3. VIP LIST

3.1 Resident jixtieq jagħmel *request* lill-Kunsill Lokali biex isiru l-*parking bays* fi Triq id-Dejqa ma' Triq is-Salvatur għaliex sfortunatament kulħadd qiegħed jipparkja kif ġie ġie u qiegħdin jinħolqu l-problemi. Kif ukoll xtaq jagħmel *request* biex isir bankina żgħira quddiem il-bieb ta' dar tagħhom numru 52, Triq id-Dejqa. Il-Kunsill qabel ma' dawn ir-*requests* imma fuq il-bankina iridu nsejħu l-Perit għall-approvazzjoni tiegħu. Il-*parking bays* għandhom isiru fl-area kollha. Wara nġiebu kwotazzjonijiet għal bankina.

3.2 Resident li joqgħod fi Triq Robert Mifsud Bonniċi jixtieq iressaq ilment lill-Kunsill Lokali rigward iċ-ċitazzjonijiet li qiegħdin jaqilaw ħafna drabi fil-ġimgħa għaliex mhumiex isibu parkeġġ u tard bil-lejl jipparkjaw viċin il-bus stop fl-istess triq u jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet. Huwa xtaq jgħid lill-Kunsill li hawn problema kbira tal-parkeġġ u qeda tkun diffiċli ħafna biex jipparkjaw għalhekk qiegħed jissuġerixxi li jsiru żewġ *parkings* oħra fejn hemm il-bus stop għaliexil-bus stop kbira iżżejjed. Kif ukoll *parking* ieħor faċċata ta' dar tiegħu ukoll. Xtaq ukoll li jsir road hump fi Triq Robert Mifsud Bonniċi eżatt kif toħroġ minn Vjal it-Trasfigurazzjoni qabel ma jmut xi ħadt. Irid jiġi iċċekkjat ma' TM fuq is-*size* tal-Bus Stop għax jekk nistgħu inaqqsuh indaħħlu żewġ *parking spaces* oħra. Il-Kunsill iddeċieda li l-Perit għandna ngħidulu ukoll għall-*parking bays* fi Triq Ramiro Barbaro. Għandu jiġi iċċekkjat x'ġara mill-permess ta' quddiem il-Kunsill biex forsi ikun jista' jintuża

ukoll bħala *parking* jekk il-permess waqa'. Is-Sindku għandha tieħu ħsieb li tistaqsi lis-Sur Joe Fenech tal-Blokrete fuq dan.

3.3 Resident jixtieq jagħmel *request* għal road hump fi Triq Robert Mifsud Bonniċi ftit qabel il-Moulin D'or u oħra n-naħa l-oħra int u ġej minn Ħal Balzan. Dan ir-resident qiegħed jagħmel dan ir-*request* għaliex ħafna karozzi qegħdin jgħaddu 'gas down' u nhar il-Ħadd 03 ta' Jannar 2016 sar aċċident fejn karozza bl-*speed* baqgħat tiela' fuq il-bankina. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan ir-*request* minħabba li l-inġenji li qed jidħlu f'din it-triq minnħabba xogħolijiet li qed isiru.

3.4 Sid ta' ħanut bl-isem 'Tal-Villaġġ' li jinstab fejn il-Futbol Club fi Triq il-Forn qed jagħmel *request* biex isiru żewġ bollards fuq il-bankina. Dan għaliex minkejja li quddiem il-ħanut tiegħu hemm *double yellow lines* biex ma jipparkjawx, il-karozzi xorta jipparkjaw u jitilgħu ukoll fuq il-bankina. Minħabba f'hekk huwa ma jkunx jista' jiftaħ u jagħlaq il-bieb tal-ħanut u jkollu joqgħod iċempel l-għassa biex iċemplu lil owners tal-karozzi u jispiċċa jistenna sakemm jiġu biex iċaqalquhom. Barra minn hekk huwa qal li f'din l-istess triq hemm *parking bay* fil-kantuniera li fil-fehma tiegħu qiegħed ħażin u daqt isir xi aċċident għax il-karozzi jduru għal fuqu u qal li ta' spiss jkun hemm konfużżjoni sħiħa. Il-Kunsill approva dan ir-*request* u għandha tintbagħat *request* lit-TM għal żewġ bollards fil-kantuniera t'isfel. Għandu jiġi konsultat il-Perit ukoll fuq dan ir-request. Jekk dawn ma jiġux approvati mit-TM isiru delenators.

3.5 Meta jiġi l-Perit għandna nerġgħu nfakkruh fuq ir-*request* għal bankina fi Triq il-Forn.

3.6 Resident jixtieq li fi Triq Annibale Preca eżatt kif idur minn Triq il-Kbira fejn l-istatwa ta' San Ġużepp issir sleeping policeman u sign SLOW, għax qed jitilgħu ħafna karozzi 'gas down'. Ir-resident qal li hu mhux l-ewwel darba li jkun hemm karozza ħierġa minn xi sqaq, oħra tiela minn fejn San Ġużepp u jkunu ser jaħbtu. Il-Kunsill ma approvax li jsir sleeping policeman minħabba li għandna *court case* li għadu għaddej fuq *flooding* fi Triq San Anton, pero approva li ssir Slow sign. Għandna tintbagħat *request* lit-TM.

3.7 Fuq il-ħamiem xi residenti qed jistaqsu jekk mhux ser inkomplu bil-proċedura fit-toroq li baqa'. It-Tnejn 11ta' Jannar saret din il-proċedura fi Triq il-Kbira u Triq id-Dejqa. Issa baqa' Triq Preziosi, Triq il-Forn u Triq Sir Ugo Mifsud. Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu bil-proċedura u għandna ninfurmaw lir-residenti qabel ma ssir il-proċedura.

3.8 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq l-ilment tal-ġrieden fi Triq Ġużeppi Portelli. Is-Segretarju nfurmat bħal ma kienet diġa kitbet fil-*feedback* li kienet intbagħtet ilment lill-Health and Safety u ġew ikkuntattjati tal-Kitchen Garden. Huma qalu li għandhom sistema li kull ġimgħa jiġu tal-*pest control* u l-annimali għamlulhom post iktar addattat il-bod mir-residenti. Huma staqsew jekk għandniex ġonna abbandunati. Is-Segretarju nfurmat li hemm biċċa għalqa żgħira 'dead end' li hija

abbandunata. Għandhom jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex inaddfu din il-biċċa għalqa.

3.9 Resident li joqgħod Triq San Liċinju fejn ir-razzett tal-baqar qed jagħmel *request* biex is-sign tal-'one way' li hemm fuq Triq San Liċinju biex ma jitilgħux il-fuq lejn tal-Mirakli tikber ftit iktar għax ma tidhirx u xorta qed jibqgħu jitilgħu l-karozzi. Huwa qal li idealment jkun hemm żewġ tabelli fuq iż-żewġ naħat tat-triq forsi n-nies jagħtu kashom aktar. Peress li hemm diġa *one way sign* ġie deċiż li nordaw sign ta' 'one way' oħra. Qabel ma jsir dan iridu naraw kif qeda imwaħħla s-sign eżistenti biex forsi inċaqalquha ftit.

3.10 Is-sid tal-Moulin D'Or qed jagħmel *request* biex faċċata tal-blokka li qed tinbena jew isiru *double yellow lines* jew inkella *No Parking signs*. Dan qed jintalab biex tiġi salvagwardjata t-triq minħabba il-*vibration* ta' l-inġenji. Il-Kunsill iddeċieda biex isiru *No Parking signs* bejn is-6.00a.m. sa 6.00p.m. u r-residenti ikunu avżati. Il-Kunsill ma jaqbilx li għandhom isiru *double yellow lines*.

3.11 Resident qed jerġa' jagħmel *request* biex fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ssir skip fejn hemm qisha pjazza. Dan ir-*request* ma kienx ġie approvat mill-Kunsill minħabba l-fatt li skip iġib aktar ħmieġ magħha u l-Kunsill kellu biża' li n-nies jibdew jitfgħu l-*garbage* fejn l-iskip barra. Dan ir-resident qed jitlob biex l-iskip xorta ssir u qal li lest ukoll joħroġ aktar flus biex jagħmel camera ħdejha ħalli jekk jkun hemm xi ħadd li jħammeġ jinqabad. Kollox spejjes għalih. Il-Kunsill approva li hu jagħmel skip żgħira tal-waħda bil-lock u meta tkun mimlija iħalluha miftuħa biex titbattal.

3.12 *Mirror Complaints*: Il-Ħaddiema flimkien mal-Koptasin waħħlu xi mirja ġo Ħal Lija li kienu talbuna xi residenti.

(A) Waħda minn dawn il-mirja tweħħlet fi Triq Annibale Preca fejn it-Torri l-aħmar għax faċċata hemm drive-in, biex jkunu jistgħu joħorġu minnha. Residenti li joqgħodu fit-torri l-aħmar ma jridux li l-mera tibqa imwaħlha fejn qiegħda. Huma qalu li postha jrid jinbidel għax tagħti fil-għajn kif ukoll għaliex qeda fuq il-faċċata ta' Torri. Hija ssuġerit li ssir taħt il-bankina imma l-Kunsill ma approvax li din il-mera titwaħħal taħt il-bankina imma qed jisuġerixxi li din tista' titwaħħal mal-kanċel fit-trejqa.

(B) Mera oħra twaħħlet ma' blokka ta' appartamenti fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, eżatt ma' ġenb il-Kunsill, biex ikunu jistgħu joħorġu minn drive-in. Din il-mera kienet se titwaħħal faċċata fejn il-ħajt tal-għalqa iżda Jesmond tal-Koptasin ma setgħax iħaffer biex iwaħħal il-pole għax hemm ħafna pipijiet tad-dawl. Għalhekk twaħħlet ma' din il-blokka, pero l-blokka kollha kontra din il-mera u ma jridux li tibqa' hemm anzi titneħħa kemm jista jkun malajr.

Il-Kunsill issuġerixxa li din il-mera titwaħħal fuq il-'pole' ta' l-elettiku li hemm faċċata l-entratura tal-garages.

3.13 *Request* biex isir *disabled parking* ieħor fejn il-Knisja fil-pjazza għax wieħed mhux biżżejjed. Il-Kunsill qabel ma' din ir-*request* u għandha tintbagħat *request* lit-Transport Malta għal *disabled parking* ħdejn l-ieħor li diġa hemm.

3.14 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand il-Koptasin rigward *zebra crossing lights* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni għas-somma ta' €1200.00. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni biex isiru ix-xogħolijiet.

3.15 E-Mail mingħand TM rigward *double yellow lines* fi Triq Giuseppe Cali quddiem no.13/15 li saru bla approvazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-passat. Kif ukoll residenta li qiegħda tagħmel *request* biex dawn id-*double yellow lines* jitneħħew għaliex saru bla permess. Hija ħadet tlett ċitazzjonijiet minħabba f'hekk. Kif ukoll il-Kunsill Lokali kellu diversi *requests* mingħand resident fil-passat li kellu problema biex joħroġ mill-garage jekk jipparkjaw faċċata għalhekk kienu saru *double yellow lines*. Issa din ir-residenta qeda titlob li jekk dawn il-linji jibqgħu hemm hija qiegħda titlob li jsiru *double yellow lines* faċċata ta' kull garage ta' dik it-triq għaliex għandhom l-istess problemi. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi imsejjaħ il-Perit u jara x'hemm bżonn isir anke quddiem il-garaxijiet. Għandna tiġi konsultata r-residenta li għamlet dan l-ilment biex tieħdu feedback tar-residenti l-oħra speċjalment dawk li għandhom il-garaxxijiet.

3.16 Resident jixtieq jerġa' jagħmel *request* biex isiru *double yellow lines* fi Triq Preziosi Sqaq Nru.2 fejn kienu qabel ma' sar il-madum. Jekk il-Kunsill ma jridx jagħmel *double yellow lines* fuq il-madum jista jsir madwaru. Dawn ir-residenti jixtiequ jagħmlu request għal 2 delinators mal-faċċata tagħha.
Il-Kunsill qal li filkas iridu jistaqsu huma lil ta' Villa Francia għax il-Kunsill ma jistax jindaħal fil-propjeta' tal-Prim Ministru.

3.17 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li d-differenza ta' l-Allokazzjoni Finanzjarja 2015 għal Allokazzjoni Finanzjarja 2016 ta' din is-sena hija ta' €7568.00 fis-sena, €630.66 fix-xahar.

3.18 Is-Sindku nfurmat li l-proġett ta' l-Erasmus ġie mill-llum għal għada għalhekk mexxiet l-applikazzjoni malajr. Hija qalet dan peress li suppost is-Sinjorina Stephanie Cutajar li qiegħda fuq dawn il-proġetti hadet hsieb hi. Ġie ssuġerit li minbarra s-Sinjorina Stephanie Cutajar, l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Isabella Taliana u Galeann, għandna nagħtu ċans lill-persuna minn kull għaqda. Is-Segretarju nfurmat li għal dan il-proġett hemm €170 travel expenses u jekk ikun iktar minn hekk iħallas l-individwu jew il-Kunsill. Il-Kunsill jaqbel li għandu iħallas l-individwu. Ħlas ta' akkomodazzjoni iħallas kollox l-Aġenzija. Għandna nagħtu ċans li l-ewwel tiġi aċċetata l-applikazzjoni imbagħad naraw minn hemm.

3.19 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li resident li kellu ħadida imwaħħlha fit-triq biex ma tiġix imblokkata l-isprall li jagħddi l-ilma tax-xita minna

ġiet misruqha. Hija qalet li meta dan ir-resident għamel ir-*request*, il-Kunsill kellu ħadida diġa imma issa iridu nordnaw waħda ġdida. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat *request* lit-TM u b'mod inġenerali u nistaqsu jekk hemmx bżonn permess għal din it-tip ta' *request.*

3.20 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-kwistjoni ta' Sqaq Nru.2 Triq Preziosi għada ma ssolvietx. F'żmien il-Milied reġgħu laqgħtu gallarija. It-TM reġa' għat-tielet darba approva biss li jsir *walking path* u mhux bollards. Il-Kunsill mhux qed jara li din isolvi l-problema. Is-Sindku issuġerit li għal darb'oħra nerġgħu nibgħatu b'urġenza lit-TM filwaqt li ntbagħatu lir-residenti konċernati l-aħħar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand it-TM. Hekk hemm bżonn anke nistiednu lis-Sinjura Audrey Testaferrata De Noto biex tiġi fuq il-post u tara hi l-problema li teżisti.

3.21 Is-Sindku, Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li ċemplulna mid-Dipartiment tat-Turiżmu fejn stiednu lis-Sindku u s-Segretarju għall-laqgħa nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2016 fuq l-*upgrading* tal-latrini ta' Malta u Għawdex u ser jibdew mir-Reġjuni. Is-Sindku nfurmat li għalissa x-xogħolijiet fuq il-latrini ta' Ħal Lija għandhom jieqfu. Is-Segretarju nfurmat li marret 'on site' fuq il-latrini mal-kuntrattur biex naraw x'fadal xogħolijiet li kellhom isiru mit-Tender l-oħra.

3.22 Is-Segretarju staqsiet lill-Kunsill jekk kellhomx ċans jagħtu daqqa t'għajn lit-Tender *documents* ta' l-*street lighting* u tal-*Parks and Gardens* qabel dawn jiġu relaxxati. Is-Sindku qalet li hija tathom daqqa t'għajn u nistgħu nkomplu nipproċedu.

3.23 Is-Segretarju nfurmat li bħalissa l-uffiċċju tal-Kunsill jinstab mingħajr 'maid' għax il-'maid' li kellna waqqfet. Hija nfurmat li tlabna kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-latrini u talbet lill-Kunsillliera biex jinfurmaw jekk ikunu jafu b'xi ħadd.

3.24 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li meta saret il-Press Conference taċ-Ċitru kien ġie s-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo u konna kellimnieh anke fuq il-binja tal-Kunsill. Din il-ġimgħa l-Hon Segretarju Parlamentari bagħat għaliha biex tkellmu. Is-Sindku nfurmat li hija għamlet l-ittra u kitbet l-options kollha li kienu diġa diskussi fil-Kunsill jiġifieri li

A. Binja ta' żewġ sulari tal-Kunsill fiċ-Ċentru Rekreattiv ħdejn it-Tennis Club
B. Dar li qiegħda fi triq tal-Kunsill għal prezz ta' €490,000 u ċens ta' €72 li jista jiġi imġedded.
C. Bini ta' l-uffiċini bil-*containers (pioneer project)*
D. Binja ta' żewġ sulari fuq il-Klabb tal-Boċċi għalkemm din ma tkunx il-post ideali għall-uffiċċju tal-Kunsill

F'din l-ittra hija qalet li s-Social Services u l-MaltaPost interessati ħafna li jkunu parti mill-Binja tal-Kunsill.

Hija kompliet tinforma lill-Kunsill li kellha tibgħat din l-ittra llum filgħodu id-19 ta' Jannar u diġa ġiet fowardjata lid-Direttur tal-Gvern Lokali.

3.25 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mas-Sur Schinas fuq li s-Social Services jibdew jagħtu servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill. Hija qalet li Mr. Schinas ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq dan. Is-Sindku kienet diġa tkellmet mas-Sur Fenech tal-Blokrete u lanqas hu ma sab l-ebda oġġezzjoni.

## 4. POST MORTEM – FESTIVAL TAĊ-ĊITRU

4.1 Is-Sindku tkellmet li l-Festival taċ-Ċitru din is-sena kien suċċess. Hija nfurmat li numru tar-raffle hu 104 imma peress li ma ġie ħadd għalih, il-Kunsill iddeċieda li jaghtih lill-Kappillan.

4.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet mill bejh tal-laring daħalna €600. Iridu jiġu konklużi l-kontijiet u jintbagħtu r-receipts lid-Dipartiment biex ningħataw il-fondi allokati għal din l-attivita.

## 5. APPROVAZZJONI TA' L-APPRAISAL REPORTS TAL-ĦADDIEMA TAL-KUNSILL

5.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-appraisal reports tal-ħaddiema tal-Kunsill biex il-Kunsill jiddeċiedi fuq l-apoprovazzjoni tal-performance bonus. Il-full performance bonus ta' (6%) lis-Sinjura Dorianne Bonnici Bondin u s-Sinjorina Pamela Borg ġew approvati unanimament.

5.2 Is-Segretajru ħarġet mill-kamra tal-Kunsill biex jiġi diskuss l-appraisal report tagħha. Wara ftit tal-ħin is-Segretarju ġiet imsejjħha u ġiet infurmata li kien ġie approvat unanimament il-full performance bonus (10%) tagħha ukoll.

## 6. KORRISPONDENZA

6.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq żewġ ittri nr. 0012 u 0020. Ittra minnhom kienet fuq artbitragg 1851/2009. Is-Segretarju nfurmat li din hija claim fuq Triq il-Pantar li ilha minn 2009 u li għandna *Court hearing* nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar 2016 f'nofsinhar. L-oħra kienet fuq *collaboration proposal* – Primary School Science Education. Din hija *proposal* ta' kumpanija privata.

6.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kien kellimha is-Sur Remig Bartolo li jagħmel il-Cultural Tours.
Huwa jixtieq li iġib grupp ta' 50 persuna biex jitilgħu fuq it-Torri. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 7. SKEDA TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2016.

7.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma' approvawx il-pagamenti tal-Waste Collection li huma nr 1 u 2 fuq l-iskeda.

7.3 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq x'nixtru mingħand Fenech Ironmongery. Hija reġgħet aċċennat li ż-żebgħa li nixtru hi x'inhi id-ditta, għandha tinxtara mingħand wholesaler.

7.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kienet ħejjiet rapport kemm ilha Sindku hi mill-14 ta' Lulju 2014 sallum fuq il-ħidma tal-Kunsill. Hija qalet li dan għamlitu biex ikun lest għall-laqgħa tal-lokalita' u għall-laqgħat oħra. Hija qalet li ma ssib l-ebda oġġezzjoni biex dan tifforwerdjah lill-Kunsilliera biex jekk iridu jikkoreġu jew iżidu ikunu jistgħu jagħmlu dan. Għalhekk dan għandhu jintbagħat lill-Kunsill kollu.

7.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-pagament nr 23 tal-Perit fuq kont ta' Objection letter PA02822/ 15. Is-Segretarju nfurmat li din l-ittra hija fuq il-Boutique Hotel fi Triq il-Kbira.

7.6 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar l-iskeda tal-pagamenti ġew approvati.

## 8. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

8.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant tkellem fuq ħarġa għal Sant'Irmu jew Sant'Anġelo. Ġie suġġerit li l-ħarġa ssir Sant'Anġelo fil-11 ta' Marzu 2016. Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant ser jiċċekkja fuq il-post u d-data u jagħti l-informazzjoni l-uffiċċju biex issir il-flyer.

8.2 Is-Sindku qalet ukoll li tixtieq terġa' tagħmel *Art Exhibition* fil-Mitħna għal żmien l-Għid u għandna nerġgħu niċċekkjaw fuq l-approvazzjoni tal-bye-laws mad-Dipartiment.

8.3 Is-Sindku qed tissuġerixxi li ssir il-ħarġa għall-vari nhar it-Tlieta 22 ta' Marzu 2016.

8.4 Għandu jiġi iċċekkjat ma' Doris Attard ta' l-Grupp ta' l-Anzjani u mas-Soċjeta' ta' Sant' Andrija jekk hux ser jagħmlu xi attivita' f'dawk il-ġranet.

8.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li kien qed sema lil Prof Ray Mangion, lecturer fl-Universita ta' Malta u studjuz, jitkellem fuq ir-radio. Dan kien semma bosta fatti interessanti fuq Hal Lija. Dr. Sant kien tkellem mieghu sabiex jara jkunx interessast jigi jaghti talk fuq Hal Lija u Prof. Mangion dehen interessat. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din it-talk.

8.6 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant għamel request biex tiġi *refreshed* l-'Stop Sign' ta' ħdejn it-Three Villages bar fi Triq il-Kbira. Din għandha ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.7 Il-Minority Leader, Dr. Sant qal ukoll li għandna nitkellmu mal-Kunsill ta Ħ'Attard biex issir it-trinka li hemm fil-border bejn Ħal Lija u Ħ'Attard. Din qegħda ħażina ħafna u hemm bżonn li tiġi *reinstated.*

8.8 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ntbagħtet ittra lil Tal-Mirakli li s-sala tal-Mirakli tagħmel ma' Ħ'Attard. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fejn kienet Villa Serena saret ma' Ħ'Attard. Hija qed tgħid li idealment Mamo Flats jibqgħu fil-konfini ta' Ħal Lija.

8.9 Il-Minority Leader staqsa fuq il-boroż suwed li huwa ra' f'Hal Mann li ma inġabrux. Is-Segretarju nfurmat li f'Hal Mann il-garbage jinġabar nhar ta' Tnejn, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa. Għandhom jerġgħu jiġu nfurmati r-residenti bit-timetables ta' meta jinġabar il-garbage, ħġieġ u ħaxix.

8.10 Il-Minority Leader ressaq ilment li minn fejn ta' l-Abbati sa tan-Nestle huwa diżastru bil-potholes li hemm. Hemmhekk ma jżomm xejn ħlief konkos pero konkos huwa kontra liġi. Dawn il-potholes iridu jarawhom il-ħaddiema tal-Kunsill u jaraw x'jistgħu jagħmlu.

8.11 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ghamel suggeriment u ghalkemm fadal hafna zmien, ikun hemm iktar hsieb u ko-ordinatament ghal zmien il-Milied. Huwa qal li lest jiehu hsieb li jkun hemm activity co-ordination bejn l-ghaqdiet, hwienet, etc. Ghandna nahsbu wkoll biex forsi nibdew nixtru xi tizjin li jintuza f'dawk, iz-zmienijiet tas-sena. Il-vici Sindku is-Sinjorina Stephanie Cutajar ser tkun qeda tahdem mieghu fuq din.

8.12 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li s-Sindku ta' Ħ'Attard talabha biex tressaq quddiem il-Kunsill li mill-kantuniera ta' Triq Strickland sad-dar ta' l-Anzjani RoseVille karozzi ma jitilgħux allura ssir 'one way', jinżlu biss. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni fuq dan it-tibdil.

8.13 Il-laqgħa li jmiss ser isir nhar it-Tlieta 16 ta' Frar 2016 fejn għandhom jiġu approvati l-Financial Accounts.

8.14 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalita ssir it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 fis-6.00p.m. Din l-attivita' għandha tiġi nkluża fil-flyer ta' l-attivitajiet.

## 9. TMIEM

Is-Seduta ntemmet fit-8.00 hrs b'mod unanimnu.

Magda Magri Naudi — Georgette Borg

Sindku — Segretarju Eżekuttiv